MALTA

# QORTI CIVILI, PRIM AWLA
# MALTA

## ONOR. IMHALLEF
## PACE RAYMOND C.

Seduta ta' l-14 ta' Novembru, 2002

Citazzjoni Numru. 733/2000/1

**George Xuereb**

**vs**

**Carmen Xuereb f'isimha proprju bhala kuratrici *ad litem* ta' bintha minuri Michela Xuereb, Michael Chircop u Direttur tar-Registru Pubbliku ta' Malta.**

**Il-Qorti,**

**I. PRELIMINARI.**

Rat ic-citazzjoni attrici a fol. 1 fejn gie premess:-

Illi l-attur ilu *de facto* separat minn ma' martu l-konvenuta Carmen Xuereb minn Settembru tas-sena 1997;

Illi appuntu mill-5 Settembru 1997 sal-gurnata tal-llum, l-attur ma baqax jikkoabita ma' martu, l-imsemmija konvenuta Carmen Xuereb;

Illi *inoltre* sa minn Dicembru tas-sena 1998 sal-gurnata tal-llum l-attur gie ordnat permezz ta' digriet moghti mill-Qorti tal-Magistrati (Malta) bhala Qorti Istruttorja sabiex b'ebda mod ma jersaq lejn u / jew ikellem lil martu l-konvenuta Carmen Xuereb;

Illi tal-anqas mis-sena 1998 sal-gurnata tal-llum, il-konvenuta kienet qieghda tikkoabita ma' ragel bl-isem ta' Michael Chircop gewwa d-dar konjugali;

Illi nhar it-22 ta' Jannar tas-sena 2000, il-konvenuta martu Carmen Xuereb welldet tarbija tas-sess femminili gewwa l-Isptar San Luqa, liema tarbija nghatat l-isem ta' Michela;

Illi skond ic-certifikat tat-twelid ta' l-istess tarbija mahrug mir-Registru Pubbliku ta' Malta datat 24 ta' Marzu 2000 u li jgib in-numru 1049, gie registrat li missier l-imsemmija tarbija huwa l-attur George Xuereb, Dok "A";

Illi l-attur George Xuereb qatt ma seta' jkun u fil-fatt ma hux il-missier ta' l-imsemmija tarbija *stante* li mhux biss ghal dawn l-ahhar sentejn ma kellu ebda relazzjoni ma' martu l-konvenuta Carmen Xuereb, izda lanqas biss ikkoabita maghha u lanqas biss avvicinaha b'ebda mod u dana skond kif gie lilu ordnat ukoll permezz tad-digriet hawn fuq indikat;

Illi kif gja' nghad hawn fuq, tul iz-zmien kollu relattiv u legali qabel it-twelid ta' l-istess tarbija, il-konvenuta martu kienet qieghdha tikkoabita b'mod kontinwu u mhux interrott mal-konvenut Michael Chircop;

Illi l-istess attur talab lil din l-Onorabbli Qorti sabiex:

1. Tiddikjara li l-attur ma hux tassew il-missier tat-tarbija mwielda minn martu l-konvenuta Carmen Xuereb bl-isem ta' Michela Xuereb;

2. Okkorrendo tiddikjara li l-konvenut Michael Chircop huwa fil-fatt il-missier naturali tal-istess tarbija li nghatat l-isem ta' Michela;

3. Tordna l-korrezzjoni fl-Att tat-Twelid mahrug mir-Registru Pubbliku ta' Malta datat 24 ta' Marzu 2000 li jgib in-numru ta' Iskrizzjoni 1049 fis-sens illi taht il-kolonna *"Missier it-tarbija"* fejn hemm imnizzla l-isem u d-dettalji kollha tal-attur George Xuereb, ghandhom jigu kancellati kollha u minflokhom jitnizzlu l-isem, kunjom u dettalji relattivi ta' Michael Chircop jew alternattivament jitnizzlu l-kliem *"Missier mhux maghruf"* u dana skond l-ezitu tat-tieni talba rikjesta fl-odjerna citazzjoni;

Bl-ispejjez kontra l-konvenuti li minn issa qed jigu ngunti biex jidhru personalment ghas-subizzjoni.

Rat id-dikjarazzjoni attrici a fol. 3 u 4 tal-process;

Rat il-lista ta' xhieda u d-dokumenti esebiti a fol. 4 u 5 tal-process;

Rat in-nota tal-eccezzjonijiet tad-Direttur tar-Registru Pubbliku tal-11 ta' Ottubru 2000 a fol. 10 fejn gie eccepit:

1. Illi dwar il-mertu ta' din l-azzjoni l-esponent jirrimetti ruhu ghall-provi migjuba u ghall-gudizzju ta' din l-Onorabbli Qorti;

2. Illi bla pregudizzju ghas-suespost, il-bidla li qieghda tintalab tirrigwarda dokument pubbliku li jikkoncerna minuri u li jekk kemm-il darba tintlaqa' zgur li ser tinfluwixxi fuq il-hajja futura tal-istess minuri, u ghalhekk jehtieg li kwalunkwe prova li tingieb tkun konvincenti u ammissibbli skond il-ligi, aktar u aktar jekk is-separazzjoni li jsemmi l-attur fic-citazzjoni odjerna hija separazzjoni *de facto* u mhux *de jure*;

3. Illi peress li l-prezenza tieghu fil-vertenza odjerna hija mehtiega biss ghall-finijiet tal-eventwali ezegwibilita' tal-gudizzju, huwa m'ghandux jigi soggett ghall-ispejjez;

4. Salvi eccezzjonijiet ulterjuri.

Rat id-dikjarazzjoni u l-lista tax-xhieda tad-Direttur tar-Registru Pubbliku a fol. 11 tal-process.

Rat il-verbali tat-8 ta' Novembru 2000 u tal-21 ta' Frar 2001.

Rat in-nota tal-konvenuta Carmen Xuereb fejn biha ammettiet l-ewwel talba tal-attur kif ukoll it-tieni parti tat-tielet talba fis-sens li l-korrezzjoni hekk mitluba mill-attur fl-att tat-twelid tirreferi ghal missier it-tarbija bhala wiehed *"mhux maghruf"*.

Rat il-verbal tal-15 ta' Gunju 2001 fejn inqrat nota tal-attur fejn ceda l-kawza fil-konfront biss ta' Michael Chircop, filwaqt li ddikjara li jzomm ferm u shih fil-konfront tal-konvenuti l-ohra.

Rat ir-rikors tal-konvenuta Carmen Xuereb datat 12 ta' Lulju 2001 fejn talbet l-awtorizzazzjoni ghall-hrug ta' passaport ghall-minuri Michela Xuereb biex din tkun tista' ssiefer ma' ommha.

Rat id-digriet sussegwenti tal-Qorti tas-26 ta' Lulju 2001 fejn laqghat it-talba limitatament ghal perjodu ta' tliet xhur.

Rat il-verbali tal-24 ta' Settembru 2001 fejn il-Qorti nnominat lil Dr. Monica Borg Galea bhala Assistenta Gudizzjarja biex tigbor il-provi; tal-21 ta' Jannar 2002; tal-25 ta' Marzu 2002 fejn il-kawza giet differita biex tkompli tinstema' minn din il-Qorti kif prezentament presjeduta mill-Onor. Imhallef Raymond C. Pace; tal-11 ta' Gunju 2002 fejn id-difensuri nfurmaw lill-Qorti li l-kawza tista' tibqa' ghas-sentenza ghax il-provi huma migbura. In vista ta' dan il-kawza giet differita ghall-14 ta' Novembru ghas-sentenza.

Rat il-verbali tas-seduti mizmuma mill-Assistenta Gudizzjarja.

Rat id-dokumenti esebiti.

Rat l-atti kollha l-ohra tal-kawza.

## II. KONSIDERAZZJONIJIET.

Illi l-attur qed jallega li huwa ilu li ssepara minn martu *de facto* mill-5 ta' Settembru 1997, u li l-konvenuta Carmen Xuereb kienet tghix mal-konvenut l-iehor Michael Chircop almenu mis-sena 1998 tant li fit-22 ta' Jannar 2000 hija welldet tarbija Michela, li allura ma hijiex bint l-attur izda wild l-konvenut Michael Chircop, u peress li l-att ta' twelid ta' l-istess minuri l-attur gie ndikat bhala l-missier tal-istess tarbija qed jaghmel din il-kawza sabiex jigi dikjarat li huwa ma huwiex missier l-istess minuri, u minflok jigi ndikat l-konvenut Michael Chircop bhala l-missier naturali tal-istess Michela Xuereb.

Illi allura din l-azzjoni ttentata mill-attur hija wahda minn tliet azzjonijiet permessibbli fil-ligi taghna sabiex tigi attakkata l-legittimita' ta' l-ulied u cjoe':

(a) L-azzjoni ta' diskonoxximent jew ta' *denegata paternita'* a bazi tal-**Artikolu 70 tal-Kap 16** li hija miftuha ghar-ragel li fic-certifikat tat-twelid huwa ndikat bhala missier it-tifel imwieled fiz-zwieg, u dan fil-kazijiet indikati tassativament fis-**Subartikolu (1) (a) sa (d),** liema azzjoni tattakka l-prezunzjoni *"pater est quae iustiae demonstrat",* u twassal biss mhux biex jigi determinat il-missier tat-tarbija imma biss ghad-dikjarazzjoni li r-ragel ta' l-omm ma huwiex il-missier, liema azzjoni ghandha tigi prezentata fit-termini stretti moghtija fl-**Artikolu 73 tal-Kap 16.**

(b) It-tieni azzjoni hija dik moghtija biss lit-tifel *ai termini* tal-**Artikolu 84** sabiex jitlob l-istat ta' iben legittimu u ghaliha japplikaw ir-regoli stabbiliti fl-**Artikoli 82 sa 85 tal-Kap 16.**

Illi a propozitu ta' din l-azzjoni inghad fil-kawza **"Antonio Scerri Gauci vs Dottor Giovanni Scicluna nomine et"** (A.C. 14 ta' Jannar 1952 li:-

*"Illi din l-ahhar azzjoni tat-tfittxija ta' paternita' hija moghtija biss lit-tifel u hija estiza lill-werrieta jew dixxendenti tieghu fil-kaz biss previst mill-ligi."*

*"It-tifel ghandu d-dritt li jitlob stat kuntrarju ghal dak li jaghtih l-att tat-twelid meta ma jkollux pussess ta' stat konformi ma' l-att tat-twelid, u ebda limitazzjoni ohra ma timponilu l-ligi ghall-ezercizzju ta' dik l-azzjoni. Ghaldaqstant lilu ma tolqtux il-limitazzjoni li tolqot lil persuni ohra nteressati, konsistenti f'illi huma jkollhom jippruvaw l-impossibilita' fizika ta' koabitazzjoni tal-prezenti genituri tat-tifel fi zmien rilevanti minhabba lontananza".*

*"Meta t-tifel ma hux ostakolat fl-ezercizzju ta' l-azzjoni ta' ricerka tal-paternita' tieghu bil-fatt li dik l-impossibilita' fizika ma tirrizultax; l-unika limitazzjoni li tolqtu hija dik illi tolqtu meta huwa jkun jippossjedi stat konformi mal-att tat-twelid tieghu"*

Illi f'kaz maghmul a bazi ta' din l-azzjoni fis-sentenza **"Walter Ahar nomine vs Pio Micallef"** (P.A. A. J. M. 21 ta' Frar 1996) inghad illi *"minn dan it-taghlim jidher li l-fatt li r-ragel ta' omm it-tarbija kien prezenti Malta u kellu il-possibilita' li jkollu relazzjoni ma' martu, ma ghandu jkun ta' ebda xkiel fl-indagini li ghandha ssir sabiex tigi stabbilita l-identita' tal-missier naturali tal-istess attur".*

(c) It-tielet azzjoni hija dik kontemplata fl-**Artikoli 76 u 77 tal-Kap 16** fejn ghal dak li huwa relevanti ghal dik il-kawza fl-**Artikolu 77** jinghad li:-

*"Il-legittimita' ta' tifel imwieled matul iz-zwieg tista' tigi attakkata minn kull min ghandu interess, jekk jipprova illi, fiz-zmien bejn it-tliet mitt gurnata u l-mija u tmenin gurnata qabel it-twelid tat-tifel, ir-ragel kien f'impossibilita' li jghammar ma' martu minhabba li kien 'il boghod minnha".*

Illi din l-ahhar azzjoni msemmija ta' mpunjazzjoni ta' legittimita' hija miftuha ghal kull terz, inkluz lill-omm u lill-istess tifel peress li hija disponibbli ghal min ghandu nteress, inkluz il-persuna li tallega li hija missier it-tifel.

Illi minn dan kollu jirrizulta li l-ligi taghti l-opportunita' lil diversi persuni fil-parametri hemm indikati, u biss bl-

azzjonijiet fuq indikati sabiex tigi denagata l-paternita' jew anke kontestata l-legittimita`.

Illi pero' fl-opinjoni ta' din il-Qorti l-azzjoni a bazi tal-**Artikolu 77** hija subordinata ghal dak li hemm provdut fl-**Artikolu 81** li jipprovdi li l-istat ta' iben legittimu ma jista' jigi attakkat minn hadd, lanqas mill-iben innifsu jekk il-minuri jkun akkwista l-istatus ta' iben legittimu mill-att tat-twelid u l-pussess tal-istess stat li jaqbel ma' tali att.

Illi fi kliem iehor l-azzjoni ttentata skond **l-Artikolu 77** sabiex tirnexxi trid issir fl-ewwel lok a bazi ta' iben jew bint li skond l-att ta' twelid ma jkunx ikkunsidrat bhala legittimu, jew ghalkemm l-istess att ta' twelid jikkunsidrah legittimu, huwa ma jkunx jippossedi l-istess stat ta' legittimu.

Illi l-pussess ta' l-istat ta' iben legittimu skond **l-Artikolu 80** *"stabbilit minn gabra ta' fatti, mehudin flimkien, li jiswew biex juru r-rabta ta' filjazzjoni u ta' demm bejn it-tifel u l-familja li hu jghid li hi l-familja tieghu.*

*L-ewlenin fost dawn il-fatti huma:-*

*(a) Illi t-tifel ikun gieb dejjem il-kunjom tal-missier li tieghu jghid li huwa l-iben;*

*(b) Illi l-missier ikun trattah bhala ibnu, u, f'dik il-kwalita' haseb ghall-manteniment u edukazzjoni tieghu, u sabiex jikkollokah*;

*(c) Illi t-tifel gie dejjem maghruf bhala tali min-nies;*

*(d) Illi huwa ikun maghruf bhala tali mill-familja".*

Illi dan ifisser skond is-sentenza **"Malika Cachia Ejjebili et vs Ahmed Kamel El Din et"** (PA.RCP 26 ta' Jannar 2000) li skond il-provvedimenti tal-**Artikolu 82 tal-Kap 16 tal-Ligijiet ta' Malta,** huwa biss jekk ikun hemm *"nuqqas ta' att ta' twelid* ***jew*** *tal-pussess ta' stat* (u dan skond kif definit fl-**Artikolu 80 tal-Kap 16**) *inkella jekk it-tifel ikun*

*gie registrat taht isem falz, … … … li l-prova tal-filjazzjoni tista' ssir b'xhieda ohra li tista' tingieb skond il-ligi".*

Illi mis-sentenzi fuq citati din hija l-unika konkluzjoni logika li tista' tinghata meta jigu mqabbla l-**Artikoli 81** mal-**Artikolu 77,** *stante* li jidher li fl-opinjoni ta' din il-Qorti, l-kundizzjoni kontenuta fl-**Artikolu 77** dwar l-impossibilita' fizika, hija wkoll kundizzjoni ohra li kull persuna ohra, apparti l-minuri jekk dan jagixxi *ai termini* tal-ligi.

Illi dan jinsab ikkonfermat fis-sentenza **"Mario Maugeri vs Direttur tar-Registru Pubbliku"** (P.A. RCP 13 ta' Jannar 1999) fejn inghad b'riferenza ghall-fatti f'dik il-kawza li *"Dwar l-**artikolu 81** … … … jigi ndikat li tali artikolu ma huwiex ta' ostakolu ghall-azzjoni odjerna, peress li jidher car mis-segwenti fatt fuq esposti, li l-istess minuri qatt ma kellu l-pussess ta' stat ta' iben legittimu li jaqbel mal-att tat-twelid peress li l-persuna ndikata kienet ilha nieqsa … ... u ommu kienet tghix biss mal-attur".*

Illi minn dan johrog car li jekk iben jew bint ikollhom stat ta' wild legittimu, u jkollhom ukoll il-pussess tal-istess stat konformi mal-att ta' twelid, **hadd** ma jista' jattakka dan l-istat a bazi tal-**Artikolu 77** anke jekk tigi ppruvata l-impossibilita' fizika ndikata fl-istess artikolu. Illi dan gie ukoll konfermat fis-sentenzi **"Concetta Conti nomine vs Angelo Camilleri"** (Vol.XXXII.ii.309) u **"Jesmond Zammit vs Anthony Rapa et"** (P.A. RCP 18 ta' Jannar 2000) fejn inghad li:-

*"Illi dan ifisser illi skond il-provedimenti tal-**Artikolu 82 tal-Kap 16 tal-Ligijiet ta' Malta,** jekk ikun hemm nuqqas ta' att ta' twelid **jew** ta' pussess ta' stat (u dan skond kif definit fl-**Artikolu 80 tal-Kap 16**) inkella jekk it-tifel ikun gie registrat taht isem falz … … il-prova tal-filjazzjoni tista' ssir b'xhieda ohra li tista' tingieb skond il-ligi. Fi kliem iehor jekk il-pussess ta' stat ma jaqbilx mac-certifikat tat-twelid il-prova li tohrog mic-certifikat tar-Registru Pubbliku mhux insindakabbli".*

Illi dawn il-principji kollha gew kkonfermati fis-sentenzi **"Stephen Healey vs Clyde Farrugia Vella"** (P.A. RCP

deciza fl-1 ta' Marzu 2001 Cit. Nru. 1841/98/RCP); **"Carmel Grima et vs Carmelo Borg et"** deciza fil-5 ta' Lulju 2001 Cit. Nru. 190/97/RCP, **"Anthony Sant vs John Cutajar et"** (P.A. RCP 10 ta' Novembru 1999); **"Carmel Grima et vs Carmelo Borg et"** (P.A. RCP deciza fil-5 ta' Lulju 2001 Cit. Nru. 190/97/RCP); **"Natalino Scerri vs Giovanni Minafo`"** (P.A. RCP deciza fl-14 ta' April 2000 – Cit. Nru. 1919/98/RCP).

Illi ghal dik li hija l-kawza odjerna ma hemm l-ebda dubju li din l-azzjoni, kif *di piu'* ndikata fic-citazzjoni attrici giet istitwieta skond il-parametri tal-**artikolu 70 tal-Kap 16 tal-Ligijiet ta' Malta,** li jiddisponi li:-

*"Ir-ragel jista' jichad li jaghraf it-tifel imnissel matul iz-zwieg:-*

*(a) jekk jipprova li, fiz-zmien bejn it-tliet mitt jum u l-mija u tmenin jum qabel it-twelid tat-tifel, hu kien fl-impossibilita' fizika li jghammar ma' martu minhabba li kien 'il boghod minnha, jew minhabba xi accident iehor; jew*

*(b) jekk, fiz-zmien hawn fuq imsemmi, kien mifrud de facto jew legalment minn martu:*

*Izda ma jistax jichad lit-tifel jekk matul iz-zwieg ikun rega' nghaqad ma' martu, wkoll jekk temporanjament; jew*

*(c) jekk jipprova li fiz-zmien hawn fuq imsemmi kien milqut b'impotenza, ukoll jekk dik l-impotenza kienet wahda fit-tnissil; jew*

*(d) jekk jipprova li fiz-zmien hawn fuq imsemmi martu kienet ghamlet adulterju jew kienet hbiet it-tqala u t-twelid tat-tarbija, u barra minn jekk jipprova xi fatt iehor (li jista' ikun testijiet u provi genetici u xjentifici) li x'aktarx jeskludu dik il-paternita'".*

Illi wiehed irid jirreferi ghall-**artikolu 73 tal-Kap 16** li jipprovdi li tali azzjoni mir-ragel ta' martu u omm tal-istess tarbija trid issir fi zmien sitt (6) xhur mit-twelid, jekk ir-ragel dak iz-zmien ikun jinsab Malta, u f'dan il-kaz ma hemm l-

ebda dubju li tali kawza saret fit-terminu preskritt peress li l-istess tarbija twieldet fit-22 ta' Jannar 2000 u c-citazzjoni attrici giet prezentata fis-17 ta' April 2000.

Illi apparti t-terminu meta giet prezentata l-azzjoni li jirrizulta li kollox sar fit-terminu preskritt mill-ligi, dwar il-fatti allegati mill-attur u cjoe' li almenu minn Dicembru tas-sena 1998 sad-data tal-prezentata tac-citazzjoni attrici u wkoll sa llum huwa qatt ma kellu relazzjoni mal-konvenuta martu, tant li kienu jghixu f'postijiet separati, anke meta l-attur kien kien residenti fil-Facilita' Korrettiva ta' Kordin, ma hemm l-ebda kontestazzjoni *da parte* tal-konvenuta martu, li addirittura ammettiet b'nota datata 9 ta' Marzu 2001 li l-istess minuri ma hijiex wild tal-attur.

Illi *in verita'* u dan apparti l-portata li tinghata mill-Qorti ghad-dikjarazzjoni tal-omm, li hija wahda ta' certa mportanza ghalkemm mhux bilfors deciziva, mill-provi prodotti u senjatament mix-xhieda tal-attur u tal-istess konvenuta jirrizulta li l-istess minuri qatt ma' tista' tkun bint naturali tal-attur u dan ghaliex fit-terminu preskritt mill-**artikolu 70 (1) (a)** l-attur kien f'impossibilita' fizika li jghammar ma' martu, u wkoll fl-istess zmien huwa kien *de facto* separat minn martu skond kif jiddisponi l-**artikolu 70 (1) (b) tal-Kap 16,** u ghalhekk ma hemm l-ebda dubju li t-talba tal-attur ghall-azzjoni ta' *denegata paternita'* ghandha tigi milqugha (**"Charles Gerada vs Rita Gerada et"** (P.A. (RCP) 31 ta' Ottubru 2002).

Illi dwar it-tieni u t-tielet talba attrici sabiex il-konvenut l-iehor Michael Chircop jigi dikjarat l-missier naturali tal-istess minuri, apparti li hemm l-oppozizzjoni tal-omm skond kif minnha registrat fl-imsemmija nota taghha tad-9 ta' Marzu 2001, tali azzjoni ta' *denegata paternita'* ghandha twassal sabiex jkun hemm dikjarazzjonki f'dan is-sens, jekk l-azzjoni tirnexxi, u mhux biex jigi ndikat l-missier naturali tal-istess minuri, u ghalhekk tali talbiet f'dan is-sens ma jistghux jigu milqugha, u minflok l-istess minuri ghandha tigi ndikata fic-certifikat taghha tat-twelid relattiv bhala ta' *"missier mhux maghruf",* u dan kollox kif stabbilit konsistentement fil-gurisprudenza nostrali u wkoll abbazi tal-**artikoli 70,73 74 u 75 tal-Kap 16.**

Illi ghalhekk l-ewwel talba attrici ghandha tigi milqugha, it-tieni talba attrici ghandha tigi michuda, fil-waqt li t-tielet talba attrici ghandha tigi milqugha biss fis-sens li l-korrezzjonijiet ghandhom isiru bis fis-sens li l-attur ma jigix indikat bhala l-missier naturali tal-istess minuri, u kull riferenza ghalih bhala missier ghandha tigi ghalhekk kancellata mic-certifikat ta' twelid tal-istess minuri, u fil-konnotati fl-istess certifikat li jirreferu ghall-paternita' tal-istess minuri din ghandha tigi ndikata bhala dik ta' *"missier mhux maghruf".*

**III. KONKLUZJONI.**

Illi ghalhekk ghal dawn il-motivi, din il-Qorti, **taqta' u tiddeciedi,** billi filwaqt li tastjeni milli tiehu konjizzjoni tat-talbiet attrici fil-konfront tal-konvenut Michael Chircop, *stante* c-cessjoni tal-istess talbiet fil-konfront tieghu permezz ta' nota datata 15 ta' Gunju 2001, u fil-waqt li tichad l-eccezzjonijiet tal-konvenut Id-Direttur tar-Registru Pubbliku f'dak li huwa nkompatibbli u kontrastanti ma' dak fuq deciz, u fuq ammissjoni tal-konvenuta Carmen Xuereb, **tichad it-tieni talba attrici** *stante* li hija nfondata fid-dritt u mhux proponibbli f'azzjoni ta' denegata paternita', u **tilqa' l-ewwel talba attrici *in pien*, u t-tielet talba attrici biss fit-termini hawn permessi** b'dan illi:-

1. Tiddikjara li l-attur ma hux tassew il-missier tat-tarbija mwielda minn martu l-konvenuta Carmen Xuereb bl-isem ta' Michela Xuereb;

3. Tordna l-korrezzjoni fl-Att tat-Twelid mahrug mir-Registru Pubbliku ta' Malta datat 24 ta' Marzu 2000 li jgib in-numru ta' Iskrizzjoni 1049 fis-sens illi taht il-kolonna *"Missier it-tarbija"* fejn hemm imnizzla l-isem u d-dettalji kollha tal-attur George Xuereb, ghandhom jigu kancellati kollha u minflokhom jitnizzlu l-kliem *"missier mhux maghruf"* u fil-kolonna ntestata *"Isem u Kunjom"* fl-istess Certifikat tat-Twelid Numru 1049/2000, b'mod li jigi ndikat li l-isem tal-missier tal-istess minuri m'huwiex maghruf u dan *oltre* korrezzjonijiet, zidiet, sostituzzjonijiet u modifiki ohra kollha li jista' jkun hemm bzonn fic-citat Att tat-Twelid

li jeskludu lill-attur milli jigi ndikat bhala l-missier tal-istess minuri.

Illi l-Qorti tordna ukoll li *ai termini* tal-**Artikolu 256 tal-Kap 16 tal-Ligijiet ta' Malta** li kull korrezzjoni hawn ordnata ghandha ssir mid-Direttur tar-Registru Pubbliku fi zmien ghaxart ijiem minn dakinhar li s-sentenza tghaddi f'gudikat u ghandha ssir bis-sahha ta' kopja vera tas-sentenza li tinghata lilu mir-Registratur tal-Qrati Superjuri, bil-mod preskritt fl-istess dispozizzjonijiet tal-**Kap 16.**

L-ispejjez kollha ta' din il-kawza jibqghu a karigu tal-konvenuta Carmen Xuereb *proprio.*

**Moqrija.**

**Onor. Imhallef Raymond C. Pace LL.D.**
**14 ta' Novembru 2002**

**Mario Debono**
**Deputat Registratur**
**14 ta' Novembru 2002**